**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**SUPERJURI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D, MAG.JUR (EU LAW)**

**SEDUTA TAL-5 TA' SETTEMBRU 2002**

Cit.no 30/1994

John u Giovanna konjugi Vella

vs

Jude Thaddeus sive Teddie u Maria konjugi Ellis

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi fejn gie premess, illi:

" l-atturi ghandhom jiehdu minghand il-konvenuti s-somma ta' seba' mija u erbgha u tmenin lira Maltin (Lm784) u dana in kwantu ghas-somma ta' sitt mija u tlieta u sittin lira Maltin (Lm663) dovuti lill-atturi ta' xoghol ta' appalt mahdum mill-attur John Vella lill-konvenuti fil-fond taghhom f'New Building, Cenc Street, Sannat, Ghawdex, u inkluz f'dan l-ammont hemm ukoll l-ispejjez minfuqa mill-atturi biex jinxtara l-materjal ghall-esekuzzjoni ta' l-istess xoghol u r-rimanenti somma ta' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin (Lm121) prezz ta' xoghol dovut lill-atturi ta' kisi bis-siment tal-art u t-triq ta' garages, liema xoghol kien gie esegwit fir-Rabat, Ghawdex, u fuq inkarigu specifiku tal-konvenut, Jude Thaddeus sive Teddie Ellis u dana kollox kif indikat fl-annessi kontijiet, markati dokti. "A" u "B";

illi l-konvenuti nonostante li gew interpellati diversi drabi sabiex jhallsu l-ammont minnhom dovut, dawna baqghu inadempienti;

TALBU ghaliex il-Qorti m'ghandhiex:

1. tikkundannhom li jhalsu lill-atturi s-somma hawn fuq imsemmija ta' sebgha mija u erbgha u tmenin lira Maltin (Lm784) dovuti lilhom ta' xoghol u fornitura ta' materjal, kollox kif indikat u spjegat hawn fuq;

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Frar 1994 u dik bonarja tal-20 ta' Dicembru 1993 u tal-mandat kawtelatorju ta' qbid (nru.114/94) fl-istess ismijiet u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minni ssa huma mharka.

Bl-imghax skond il-ligi u b'riseva ghal kwalunkwe azzjoni spettanti lill-atturi minhabba t-terminazzjoni ingustifikata u unilaterali tal-atturi tal-kuntratt ta' appalt hawn fuq imsemmi.

Rat id-dikjarazzjoni debitament guramentata, l-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew, li:

1. t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-atturi;

2. ghal dak li jirrigwarda dik il-parti tat-talba ghall-hlas ta' sitt mija u u tlieta u sittin lira Maltin (Lm663) allegatament dovuti ghal xoghol f'Cenc Street, Sannat, din it-talba hija intempestiva peress illi m'hu dovut l-ebda hlas ghal xoghol hazin li ma sarx skond kif titlob is-sengha u l-arti;

3. ghal dak li jirrigwarda l-parti l-ohra tat-talba ghall-hlas ta' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin (Lm121) rigward xoghol f'garages ir-Rabat, dan lanqas m'hu dovut peress illi l-atturi ghandhom jaghtu somma ferm akbar lill-konvenuti in linea ta' danni ghax-xoghol hazin li sar fil-post taghhom ta' Sannat.

   Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni debitament guramentata, l-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat il-kontrotalba tal-konvenuti fejn wara li ppremettew li:

1. l-attur John Vella hadem xoghol hazin u mhux kif tirrikjedi s-sengha u l-arti fil-fond gdid tal-konvenuti fi Triq Cenc, Sannat, Ghawdex; u dana skond ma anke jirrizulta dwar uhud minn dawn ix-xoghlijiet rilaxxjat mill-AIC Anthony Muscat li ezamina l-istess xoghol fuq l-inkarigu tal-konvenuti, liema certifikat jinsab anness bhala dok A man-nota ta' l-eccezzjonijiet minnhom pprezentata kontestwalment ma''din il-kontro citazzjoni.

2. Illi konsegwenza ta' dan ix-xoghol hazin huma dahlu fi spejjez zejda u sofrew u qed isofru diversi danni sabiex jaqilghu dan ix-xoghol hazin u jirrimedjaw ghalih;

3. illi ghalhekk huma ghamlu din il-kontro talba sabiex jigi likwidat l-ammont dovut lilhom mill-atturi in linea ta' danni u biex dawn jigu kkundannati jhallsuhom l-istess ammont hekk likwidat.

TALBU ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. tiddikjarhom responsabbli ghad-danni kif jigu likwidati minn din il-Qorti waqt it-trattazzjoni tal-kawza sofferti minnhom unikament htija tax-xoghol hazin maghmul mill-attur John Vella fil-fond gdid taghhom fi Triq Cenc, Sannat, Ghawdex, u dana okkorrendo bl-assistenza ta' perit arkitett nominat ghal dan il-fini;

2. tikkundannhom ihalsu lill-konvenuti l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni;

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Frar 1994.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi, l-lista tax-xhieda u l-lista ta' dokumenti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-atturi ghall-istess kontrotalba, fejn eccepew, li:

1. l-istess citazzjoni hija monka u dana peress illi ma fiha l-ebda talba specifika ghal-likwidazzjoni tad-danni allegatament sofferti mill-konvenuti;

2. illi fil-mertu u minghajr l-ebda pregudizzju ghall-premess it-talbiet tal-konvenuti huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dana peress illi x-xoghol minnu esegwit sar skond l-arti u s-sengha.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha kompriza n-nota ta' cessjoni stante transazzjoni folio 90.

Ikkonsidrat:

F'din il-kawza kulma baqa' pendenti hu l-kap tal-ispejjez stante li l-attur waqt li ceda l-kawza zamm ferm fuq dan il-kap. Ftit pero huma l-elementi fuq liema din il-Qorti setghat tistrieh ghad-decizjoni taghha dwar dan il-kap. Mid-dokumenti li

jinsabu esebiti u t-termini tac-citazzjoni u l-eccezzjonijiet, mehud ukoll in-konsiderazzjoni l-fatt li l-onorarju tal-perit tekniku nominat f'din il-kawza inqasam bin-nofs bejn il-partijiet u bi ftehim bejniethom, il-Qorti qeghdha tiddisponi mill-kap tal-ispejjez billi tordna li l-ispejjez tar-registru jithalsu nofs kull wiehed bejn l-atturi u l-konvenuti waqt li kull parti thallas l-onorarju u spejjez tal-l-Avukat rispettiv taghha u tbati kull spejjez li nkorriet jew setghet inkorriet fil-kors tal-proceduri.

(ft.) A.M.Trigona
Magistrat.

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur